MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 534/2014

**Angela Borg (ID112829(M)), Salvina Bugeja (ID204039(M)) Maria Galea (ID 202743 (M)), Joseph Cachia (ID 56245(M)), Michael Cachia (ID 759347(M)) u Frank Cachia (477572(M))**

**vs**

**Anthony Sciberras (286553(M))**

**Il-Qorti,**

## **I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Angela Borg, Salvina Bugeja, Maria Galea, Joseph Cachia, Michael Cachia u Frank Cachia datat 19 ta’ Gunju 2014 fejn esponew:-

Illi r-rikorrenti huma sidien ta' bicca art tal-kejl ta' madwar 48-57 metri kwadri fi Triq Hajt Ruman, Hal-Safi, li tmiss mill-Grigal mal-proprjeta` tal-intimat, mil-Lbic tmiss ma’ u tifforma parti minn Triq Hajt Ruman, mix-Xlokk mal-proprjeta` ta’ Louis Spiteri jew successuri fit-titolu.

Illi dan it-titolu jirrizulta minn kopja ta' denunzja li kopja taghha qieghda tigi pprezentata bhala Dok A.

Illi din il-proprjeta` hija deskritta ulterjorment f'rapport tal-perit Godwin P. Abela li kopja tieghu qieghed jigi esebit bhala Dok B.

Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi, deciza fil-31 ta' Jannar 2011 mill-Qorti tal-Appell (210/2006 GCD), gie stabbilit illi l-intimat ghandu dritt ta' passagg minn fuq porzjoni zghira ta' din l-art versu kumpens ta' darba ta' €800.

Illi pero` l-intimat abbuzivament u illegalment kesa din il-porzjon art tal-atturi bil-konkos salv ghall-felles zghir ta' 1.02 metri kwadri.

Illi l-intimat ma ghandu l-ebda titolu fuq l-art in kwistjoni sabiex jiggustifika tali azzjoni.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-art tal-kejl ta' madwar 48.57 metri kwadri fi Triq Hajt Ruman, Hal-Safi, li tmiss mil-Grigal mal-proprjeta` tal-intimat, mil-Lbic tmiss ma' u tifforma parti minn Triq Hajt Ruman, mix-Xlokk mal-proprjeta` ta' Louis Spiteri jew successuri fit-titolu hija proprjeta` tal-atturi.

2. Tiddikjara konsegwentement li l-intimat ma kellu l-ebda dritt li jiksi l-art imsemmija fl-ewwel talba bil-konkos.

3. Tikkundanna l-intimat sabiex jnehhi l-konkos in kwistjoni.

4. Fin-nuqqas, tawtorizza lil atturi sabiex inehhu ll-konkos *de quo*, u dan a spejjez tal-intimat.

Bl-ispejjez u l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Lulju 2014.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Anthony Sciberras datata 14 ta’ Lulju 2014 (fol 26) fejn espona:-

1. Illi fl-ewwel lok qed jigi eccepit ir-*res judicata* billi l-mertu dwar it-titolu vantat mill-atturi dwar dina l-bicca art u l-estensjoni tal-kejl tal-proprjeta` minnhom pretiza ta' madwar 48.57 metru kwadru gia gie deciz fll-kawza fl-ismijiet "Angela Borg et vs Anthony Sciberras" (Citaz Nru 210/2006 GCD) u deciza mill-Prim’ Awla fis-6 ta' Novembru 2009 u konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2011.

Illi fil-kawza li waslet ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq citata bejn il-partijiet, l-atturi kienu ghamlu azzjoni *negatoria servitutis* fejn riedu jzommu lill-konvenut milli jghaddi jew jiftah aperturi fuq bicca att tal-istess kejl indikat kemm f'dawk il-proceduri bhala 48.57 metru kwadru kif ukoll fil-kawza odjerna. Izda fis-sentenza moghtija kemm mill-Prim’ Istanza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, gie deciz li l-art li kienet qed tintuza mill-appellanti u appartenenti kienet giet stabbilita fil-kejl ta' madwar metru kwadru. In fatti il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kienet irriteniet hekk :-

*“Minhabba f’hekk, quddiem il-bieb ta' barra tal-konvenut ‘il gewwa mit-triq ghal tul ta' zewg metri u hamsa u hamsin centimetru (2.55m) hemm bicca art zghira triangolari li tidhol 'il gewwa sa tmenin centimetru (0.8m) lejn il-bini tal-konvenut sakemm tigi ghax xejn. Din l-art hija murija bl-ahmar fuq il-pjanta li qieghda fol. 91 u ghandha kejl ta' ftit aktar minn metru kwadru (2.55m x 0.8m x ½ = 1.02m$^2$)."*

IIli dan il-kejl gie kkonfermat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk :-

*"Kif uriet l-ewwel Qorti, il-plot tal-konvenut kienet tmiss ma' triq progettata pero' gara li meta l-awtoritajiet gew biex jippjantaw it-triq fuq l-art, hargu aktar 'il barra bir-rizultat li bejn it-triq u l-plot tal-konvenut thalliet porzjoni art, li ghandha estensjoni ta' kejl ta' 1.02 $m^2$ u li tappartjeni lill-atturi……….F'dan il-kaz, ladarba rebus sic stantibus lill-konvenut inghata dritt ta' passagg minn fuq din il-porzjoni zghira ta' art tal-atturi u l-istess art ma tistax tigi zviluppata, anke ghaliex, kif inghad, ghandha kejl ta' metru kwadru wiehed biss ……"*

Illi fil-kors ta' proceduri ta' spoll bejn il-kontendenti, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2013 qalet hekk dwar il-kwistjoni tal-kejl u l-art tal-atturi :-

*"....Fil-kawza l-ohra bejn il-partijiet aktar qabel imsemmija, kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti stabbilew l-estensjoni tal-art "li ghandha estensjoni ta' kejl ta' 1.02$m^2$" u f'dawk il-proceduri ma sar ebda lmenti dwar il-kejl. Hu x'inhu l-kejl, il-Qorti, fil-kawza l-ohra, osservat li dina l-bicca art zghira triangolari hija murija bl-ahmar fuq il-pjanta li qieghda a fol. 91 ta' dak il-process u l-art li hi l-mertu ta' dina l-kawza hija l-istess porzjoni kif indikata fuq dik il-pjanta."*

Illi aktar ricenti u fil-kors ta' proceduri ta' ritrattazzjoni li l-istess atturi istitwew quddiem il-Qorti tal-Appell, il-Qorti regghet ghal darb' ohra kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha dwar il-kwistjoni tal-kejl tal-proprjeta` pretiza mill-atturi b'dan il-mod :-

*"Illi ghal dina l-Qorti, dan kollu jfisser li dak li sar gudikat bejn il-partijiet kien li r-ritrattat kien igawdi jedd ta' servitu` minn fuq art tar-rikorrenti li kienet tikkonsisti fil-kejl tal-imsemmi feles u mhux fuq l-art li jsemmu fit-*

*tielet premessa tar-Rikors Mahluf taghhom fil-kawza A. Ta' min ifakkar li, minkejja li appellaw, ir-rikorrenti ma kien qanqlu l-ebda lment dwar dik il-kostatazzjoni tal-Ewwel Qorti, dina l-Qorti tqis ta' siwi kbir ukoll il-fatt li s-sentenza fl-kawza A kienet wahda li dahlet fil-mertu petitorju tal-kwistjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghalhekk, meta fil-kawza B (jigifieri dina l-kawza) ir-rikorrenti regghu semmew il-kejl ta' art taghhom bhala konsistenti fi tmienja u erbghin punt hamsa sebgha metri kwadri (48.57m$^2$) u regghu semmewha fit-tieni talba taghhom, huma kienu qeghdin jippruvaw jifthu kwistjoni li kien messha nghalqet bejn il-partijiet bis-sentenza definittiva fil-kawza A."*

Illi dak li qeghdin jippruvaw jaghmlu l-atturi f'dina l-kawza odjerna huwa proprju hu li ghal darb' ohra jifthu kwistjoni li gia giet deciza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, trid issir l-ahjar prova illi l-bicca art ta' madwar 48.57metru kwadru fi Triq Hajt Ruman, Hal Safi, hija proprjeta` tal-atturi. Kuntrarjament ghal dak premess mill-atturi fir-rikors promotur taghhom, l-art in kwistjoni ma tidhirx li giet dikjarata fid-denunzija ta' Guzeppa Cachia. *In oltre* r-riferenza li qed issir ghar-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela hija ghal kollox bara minn lokha ghaliex dina r-relazzjoni kienet saret fi proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni Nru 492/05 bejn il-kontendenti, liema mandat inhareg mill-atturi pendenti s-smigh tal-kawza fl-ismijiet "Angela Borg et vs Anthony Sciberras" (210/2006 GCD), f'liema kawza il-kejl fl-imsemmija relazzjoni ma giex adottat kif jigi spjegat ahjar matul is-smigh ta' din il-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014 mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Joseph Gatt u

Dr David Camilleri, deher ukoll Dr Louis Cassar Pullicino ghall-intimat. Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-ewwel eccezzjoni. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni ghas-26 ta' Frar 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din is-sentenza qed tinghata fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat fejn jeccepixxi illi din il-kawza hija ostakolata bil-gudikat ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Borg et. v Anthony Sciberras** (Citazz.Nru.210/2006 GCD) deciza fis-6 ta' Novembru 2009 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2011. Il-kawza baqghet ghas-sentenza fuq dan il-punt[1].

Kif sancit fl-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza ("**Paolo Azzopardi-vs-Paolo Abela noe**", Appell Kummerc, 10 ta' Dicembru 1954).

Inoltre eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero`, u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in

[1] Verbal tat-2 ta' Dicembru 2014.

materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti. Fil-kaz *de quo*, dik moghtija fis-6 ta' Novembru 2009 kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2011.

L "*exceptio rei judicatae*" ghandu bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, wkoll ghaliex "*interest rei pubblicae ut sit finis litiu*" (**Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et,** Appell Kummerc, deciz nhar il-5 ta' Novembru, 1934).

It-tifsira ta' *res judicata* giet ben definita mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali deciz fil-5 ta' Ottubru 1992 fl-ismijiet **Dr. Jose' Herrera noe vs Anthony Cassar et. noe**, fejn gie ritenut li:-

*"Sentenza li ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – 'res judicata pro veritate habetur' – jigifieri l-fundament ta' l-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali u ghalhekk hija ta' "strictissimae interpretationis". Min-naha l-ohra fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li trid il-ligi ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka s-sentenza."* (ara : PA – "**Cassar Parnis vs Soler**" – 11 ta` Marzu 1949 – Kollez Vol XXXIII.II.344). Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza tkun diga` tezisti waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza (ara : PA/GV – "**Farrugia vs Borg Reveille et"** – 27 ta` Gunju 1995).

Illi f'dan il-kuntest jinghad li huwa risaput pero` illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* jehtieg li jkun hemm il-konkorrenza ta' tlett

elementi u cioe' *eadem res*, *aedem personae* u *eadem causa petendi*. (**"Joseph Camilleri vs Lilian Mallia"** (Qorti ta' l-Appell – 5 ta' Ottubru 1998); **"Doris Attard vs Julian Borg et"** (Qorti ta' l-Appell-28 ta' Gunju 2001); u **"Edmea Pace vs Edward Pavia"** (P.A.-3 ta' Lulju 2003); **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et** (P.A.-25 ta' Settembru 2003); "**Crocefissa Sammut et vs**

**Joseph Spiteri"**(Q.A.-10 ta` Ottubru 2003).

Dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt, fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali.

Ghal dak illi jirrigwarda l-element ta' l-*"eadem res*" inghad illi din *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat."* (**Rabat Construction Limited v. Cutajar Construction Company Limited-**PA_deciza fid-9 ta' Jannar, 2002). Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba gdida, ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Kien affermat ukoll illi hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-mertu tal-kaz ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta` qabel jifforma

parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (ara : Qorti tal-Appell Kummercjali : **Dr Jose` Herrera noe vs Anthony Cassar et noe** – 5 ta`Ottubru 1992 – Kollez Vol XXX.I.131).

Intqal inoltre illi ghalkemm biex jista` jigi nvokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` ma hemmx

bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedotta fl-ewwel citazzjoni (ara : **Antonio Avela vs Giuseppe Fenech –**P.A.-28 ta` Frar 1946; u Appell Civili –**Eugenio Borg vs Saverio Farrugia** – 31 ta` Marzu 1952). Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista` permezz ta` kawza ohra jiftah it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diga` gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li diga` tkun ghaddiet in gudikat (ara : **P.L. Roberto Tabone noe vs Joseph Cannataci** – PA – 6 ta` Marzu 1946). Isewgi illi "*sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat*" (Qorti tal-Appell Civili – **Caterina Gerada vs Av. Dr. Antonio Caruana** – 7 ta` Marzu 1958).

Illi ghar-rigward tar-rekwizit ta' l-*eadem causa petendi* din il-kondizzjoni tirrikjedi li "*the cause of the claim*" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. **Professur Caruana Galizia** f'"Notes on Civil Law" (Pt. IV p.1428) (citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Jan Christian Nygaard v Carmen Nygaard** (PA JZM-15 ta' Settembru 2014) jispjega illi l-"*causa petendi*" hija "*the title on which the demand is based*". Illi ghalhekk din hija t-titlu, cioe', il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-

"*eadem causa petendi*" tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi jirrizulta mill-atti li kien hemm diversi kontestazzjonijiet bejn il-partijiet fuq l-istess feles t'art li hu l-oggett ta' din il-kawza.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Novembru 2009, din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kawza **"Angela Borg et v Anthony Sciberras"** iddecidiet billi "*tichad it-talbiet tal-atturi u tghid li l-konvenut ghandu jedd li jghaddi bir-rigel u bl-ingenji fuq l-art li dwarha saret il-kawza, li tibqa' proprjeta' tal-atturi, b'dan illi ghandu jhallas lill-atturi kumpens darba wahda biss ta' mitejn ewro (€200)."* Dik l-azzjoni kienet azzjon*i negatoria servitutis* billi l-atturi ma kienux qed ifittxu li jiehdu lura l-art izda biss li jzommu lill-konvenut milli jinqeda b'servitu' fuqha. Din il-parti tas-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2011 billi f'dik is-sentenza kull ma ghamlet kienet li zdiedet l-ammont ta' kumpens minn €200 ghall-€800 imhallas darba wahda biss.

Madanakollu anke fil-vertenzi sussewgenti gie ikkonstatat li l-art appartenenti lill-atturi kien tal-kejl ta' 1.02mk u mhux ta' 48.57mk. Huwa importanti ghalhekk li din il-Qorti tara wkoll dak li sehh sussegwentement. Effettivament l-atturi odjerni istitwew *actio spolii* kontra l-konvenut Anthony Sciberras billi l-istess konvenut kesa l-*front garden* tieghu bil-konkos inkluz il-porzjoni art appartenenti lill-atturi. Is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-28 ta' Mejju 2012 laqghet it-talba attrici u sabet li l-konvenut kien ikkommetta spoll. Din is-sentenza giet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2013

limitatament izda ghall-porzjoni tal-art milquta bl-ispoll tal-kejl ta' ftit aktar minn metru kwadru (1.02m$^2$).

L-ahhar vertenza fit-traggitt soffert bejn il-partijiet qabel ma waslu quddiem din il-Qorti tikkonsisti fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-30 ta' Mejju 2014 (App 1041/11/2) ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti tal-Appell cahhdet it-talba tal-atturi/rittrattandi ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza imsemmija dwar spoll privileggjat.

Illi fis-sentenza ta' ritrattazzjoni tas-sentenza ta' spoll privileggjat, l-atturi, allura r-ritrattandi, sostnew li l-kejl tal-art taghhom kellu jkun ta' 48.57 metri kwadri li sostnew kien il-kejl sancit bis-sentenza in gudikat fl-azzjoni negatorja. Madanakollu din is-sottomissjoni giet michuda billi l-Qorti tal-Appell, wara li ezaminat l-atti tal-azzjoni negatorja ikkonkludiet li l-art li dwarha saret il-kawza kienet"*sewwasew il-feles art tal-kejl ta' 1.02mk."*

Huwa utili li jigi riprodott l-estratt rilevanti tas-sentemza tal-Qorti tal-Appell, tat-30 ta' Mejju 2014 fejn ikkonsidrat li "*meta din il-Qorti tat is-sentenza taghha fil-Kawza A fil-31 ta' Jannar 2011 regghet qieset li l-art li dwarha hemm kwestjoni kienet il-feles f'ghamla ta' trijangolu tal-kejl ta' 1.02m".* Il-Qorti tal-Appell f'din l-ahhar sentenza irribadiet li "*ghalkemm is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Novembru 1999 fil-Kawza A ma ssemmix fil-parti dispozittiva taghha kejl specifiku tal-art tal-atturi li minn fuqha l-intmat igawdi l-jedd ta' moghdija, fl-istess parti dispozittiva dik il-Qorti tirreferi ghall-'art li dwarha saret il-kawza.'...L-Ewwel Qorti kienet fissret li l-art tal-atturi milquta bil-kwestjoni...kienet sewwasew il-feles art tal-kejl ta' 1.02mk. Ma setax kien mod iehor minhabba li l-bicca l-kbira tal-art li r-rikorrenti semmew fit-tielet premessa tar-rikors taghhom kienet*

*tghodd fiha bicca sewwa minhabba li kient ittiehdet ghal triq pubblika (Triq il-Hajt Ruman)..."*

Kif inhu saput "*dak li hu antecedent necessarju tad-dispozittiv tas-sentenza u li hu ta' bilfors ovvjament deducibbli minnu, ghalkemm ma jinghadx fl-istess dispozittiv, jitqies nvolut fih u parti minnu*." ("**Giovanni Grima -vs- Victor Fava et**", Appell Civili, 26 ta' Mejju 1967);

Ikkonsidrat li l-kawza odjerna hija ta' natura petitorja u li abbazi tat-titlu pretiz l-atturi odjerni qed jitolbu lil din il-Qorti li tiddikjara: (1) li l-art tal-kejl ta' madwar 48.57 metri kwadri fi Triq Hajt Ruman Hal Safi....hija proprjeta` tal-atturi u, (2) li l-intimat ma kellu l-ebda dritt li jiksi l-art imsemmija fl-ewwel talba bil-konkos.

Illi rigward l-elementi rikjesti mil-Ligi ghas-success tal-eccezzjoni sollevata, minn ezami tas-sentenza citata mill-konvenut *ai fini* tal-eccezzjoni tieghu jirrizulta minghajr dubbju li l-element tal-*easdem personae* hu sodisfatt.

Illi rigward l-ewwel talba, hu minnu li l-kejl imsemmi fil-premessi u fit-talba odjerna hu ta' 48.57 mk, izda applikati l-principji guridici fuq enunzjati, din il-Qorti tqis li l-jedd ta' proprjeta' tal-atturi kien gja l-oggett tal-kawza deciza u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2011. In kwantu din kienet azzjoni negatorja, l-ezami li ghamlet il-Qorti kien dwar il-jedd tas-servitu' pretiz mill-konvenut fejn gie ikkonfermat it-titlu proprjetarja tal-atturi. Izda kemm fl-ewwel istanza kif

ukoll fit-tieni istanza, l-Qorti kkonkludiet li l-art in mertu fir-realta' kienet biss feles tal-kejl ta' 1.02 m.k. Ghaldaqstant din il-Qorti bilfors trid tikkonkludi li l-element tal-*easdem res* huwa wkoll sodisfatt billi t-titlu tal-art u l-kejl tieghu jinsabu gja decizi definittivament fis-sentenza citata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Novembru 2009 kif ikkonfermata fl-Appell. Infatti l-Qorti tal-Appell fis-sentenza dwar it-talba ghar-ritrazzjoni fuq citata sabet hekk:

*"Illi ghal din il-Qorti dan kollu jfisser li dak li sar gudikat bejn il-partijiet kien li r-ritrattat (il-konvenut odjern) kien igawdi jedd ta' servitu' minn fuq art tar-rikorrenti li kienet tikkonsisti fil-kejl tal-imsemmi feles u mhux fuq l-art li jsemmu fit-tielet premessa tar-Rikors Mahluf fil-Kawza A. Ta' min ifakkar li minkejja li appellaw, ir-rikorrenti ma kienu qanqlu l-ebda lment dwar il-kostatazzjoni tal-Ewwel Qorti.  Din il-Qorti tqis ta' siwi kbir ukoll il-fatt li s-sentenza fil-kawza A kienet wahda li dahlet fil-mertu petitorju tal-kwestjoni bejn il-partijiet."*

Din il-Qorti taghmel taghha dawn il-kostatazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014 dwar dak li ghadda in gudikat bejn il-partijiet, u dwar l-apprezzament taghha dwar il-mertu tad-diversi kontestazzjonijiet bejniethom. Inoltre, l-istess Qorti tal-Appell irribadiet li "*ghalhekk meta fil-Kawza B (ta' ritrattazzjoni) r-rikorrenti regghu semmew il-kejl tal-art taghhom bhala konsistenti fi 48.57 metri kwadri u regghu semmewha fit-tieni talba taghhom, huma kienu qeghdin jippruvaw jifthu kwistjoni li kien messa nghalqet bejn il-partijiet bis-sentenza definittiva fil-kawza A*".

Illi ghalhekk din il-Qorti hija soddisfatta li jirrizulta li t-talbiet dedotti f'din il-kawza huma gja decizi definittivament bis-sentenzi citati. Huwa evidenti li l-mertu ta' din il-kawza tifforma l-mertu tal-kawzi citati u jinsabu gja decizi.

Illi riferibbilment ghat-tielet element rikjest tal-*easdem causa petendi,* tqis li hu minnu li l-azzjoni odjerna mhix *actio negatorja servitutis* u lanqas azzjoni ta' spoll privileggjat. Izda l-mira ta' din l-azzjoni hija r-rimoss tax-xoghlijiet imwettqa illegalment mill-konvenuti fl-art tal-atturi fil-kejl stabbilit liema talba tinsab gja deciza b'sentenza ezekuttiva.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni ta' *res judicata* sollevata mill-konvenuti u tastjeni milli tiehu konizzjoni tat- tieni eccezzjoni, u fid-dawl tal-istess tichad it-talbiet tal-atturi.

**L-ispejjez jithallsu mill-atturi *in solidum* bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------